MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa b'urġenza Numru 03/2024-9**

**It-Tlieta, 23 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba - Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dott. Marlene Cini - Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

### 03.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

03.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti.

### 03.2 GAG 4: Rejuvenating Gozo

Is-Sindku Baskal Saliba informa lil membri li hemm sejħa tal-GAGF – GAG 4 Rejuvinating Gozo li ser tagħlaq fid-9 t'Awwissu 2024. Kompla jgħid li l-*main bidders* ikunu l-Otters waqt li l-Kunsill u Genesia Foundation ikunu partners magħhom. Propona u l-membri qablu sabiex il-Kunsill japplika għal *mobile clinic* li jitpoġġa fil-parkeġġ ta' Marsalforn biex minnu jiġi offrut is-servizz ta' tabib. Il-Kunsilliera Dott. Marlene Cini kemm ser ikun qed joħroġ minn naħħa tiegħu l-Kunsill. Dan wieġeb li l-Kunsill ikun qed joħroġ 20% pero l-Kunsill ikun qed jitlob ukoll għal ko-finanzjament minn naħħa tad-Dipartiment.

Is-Sindku temm jgħid li din l-applikazzjoni ser tkun qed timtela' minn naħħa ta' l-Otters.

### 03.3 Tmiem tal-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-5.40 ta' filgħaxija. Peress li fil-laqgħa preċedenti ma ġiex diskuss meta ser issir il-laqgħa li jmiss, il-membri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar it-Tlieta, 27 t'Awwissu 2024 fil-4.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Baskal Saliba | Odette Camilleri |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |